Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,577, 13 ta' Frar, 1998
Taqsima B

A.L. 52 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws – LL.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws - LL.D. - li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1996 jew wara.

Emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (6) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(6) It-teżi għandha tkun ippreżentata fil-format, tkun ta' tul u sottomessa f'għadd ta' kopji skond kif il-Bord tal-Fakulta' jista' jindika fid-direttivi tiegħu. Il-Bord tal-Fakulta' jista' ukoll jitlob li l-istudenti jissottomettu kopja tat-teżi f'format li jinqara elettronikament miftiehem minn qabel."